MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Numru. 1037/2008

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**Vs**

**Akef Meji Word**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Akef Meji Word u dan talli fil-25 ta' Ottubru 2008 ghal habta tal-10.00pm, gewwa City Gate Floriana, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abdulrzaki Albuashi, skond ma ccertifikah it-tabib Dr R. Bartolo MD tal-isptar Mater Dei.

Semghet lill-imputat waqt l-ezami jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u li mhux hati tal-akkuza in ezami (fol 7 tal-atti).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-parti lesa (fol 10 et seq ibid), meta xehed spjega li fil-25 ta' Ottubru 2008 ghall-habta tal-10pm kien f'Bieb il-Belt u hawnhekk ra lill-akkuzat li kien digja jafu. Huma t-tnejn bdew iharsu lejn xulxin u filfatt l-istess akkuzat staqsa lix-xhud ghaliex kien qed jhares lejh. Ix-xhud li dak il-hin kien ser jimxi l-hemm pero l-akkuzat, f'daqqa wahda, gibed ix-xhud mill-qmis u hadu fejn hemm tarag u waqt li kienu nezlin, l-akkuzat tah daqqa ta' ponn fuq wiccu u bdiet il-glieda. Inoltre, l-akkuzat beda jaghti daqqiet b'sikkina, b'kollox sebgha, fuq widintu x-xellugija, f'nofs sidru, vicin qalbu, taht drieghu tax-xellug anke lejn daru u fuq wara tax-xellug fuq il-koxxa. Hawnhekk bdiet tohrog minn gismu hafna dmija u skond hu "ma stajtx nirrispondi" u minflok harab l-hemm insegwit mill-akkuzat u filfatt vicin it-'terminus' tal-buses kompliet il-glieda. Hu rega harab u meta kien vicin gabbana ta' certu "Gorg", l-akkuzat beda jaghtih bi flixkun izda intervenew il-Pulizija u hadu l-flixkun minn idejn l-akkuzat. Waqt l-incident, x-xhud spjega li l-akkuzat kien qed jghajjru, jitkellem hazin b'mod oxxen. Inoltre kien qal lix-xhud "Jien ma nhobbokx u rrid noqtlok". Mistoqsi dwar feriti fuq wicc l-akkuzat ix-xhud, hu kien qal "Ma nafx illi ghamilthomlu jiena dawn il-feriti".

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, l-akkuzat (fol 51 et seq ibid) iddeskriva lill-parti lesa bhala "…naqra itwal minni zgur" u fil-hin tal-incident kien ser jiehu xarabank lejn tas-Sliema u hawnhekk kien ra' lill-parti lesa ma mara u ma' "ragel qisu mara" u meta hares lejh l-istess ferut kien qabdu minn

minkbu u qallu sabiex it-tnejn jmorru f'tarag fil-vicin. Hawnhekk kien l-istess parti lesa li beda jaghtih u hu ddefenda ruhu ake permezz ta' "….xi haga" li gabar mill-art. Inoltre kien hu li harab insegwit mill-parti lesa sakemm intervenew il-Pulizija. Fl-istqarrija rilaxxata minnu u li tinsab annessa mal-atti a fol 53 u 54, hu kien stqarr li l-istess parti lesa kien beda joffendih, bil-lingwa Gharbija, u jitkellem hazin. Ghalhekk hu kien irrabja u "ghamilt ghalih". Daparti tieghu l-parti lesa kaxkru lejn gabbana u "….qbadna niggieldu". Hu cahad li kellu jew uza sikkina izda uza biss idejh, waqt il-glieda. Fl-ahharnett hu stqarr "Jiena ma ggelitx mieghu sabiex nweggghu izda sabiex ihallini fil-kwiet u ma jdejjaqnix izjed" bhal ma kien qed jaghmel l-istess parti lesa qabel dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat mediku giet prodotta it-Tabiba Mohayo Hodjayiva Bartolo (fol 15 et seq ibid) li xehdet dwar ic-certifikat mediku esebit a fol 5 ibid u li gie rilaxxat minnha wara li ezaminat lill-parti lesa pero registrat b'isem differenti. Hi kkonfermat li dan ir-ragel kien qed jbati, meta ezaminatu, minn diversi feriti ossija "stab wounds" b'certi minnhom superficjali, kawzati minn strument li jaqta u bil-ponta izda ma setghux gew kawzati minn hgieg miksur. Waqt li ddikjarat li l-istess feriti kienu gravi, il-ferut ma kienx fil-periklu imminenti li jitlef hajtu. Hi wkoll issottolineat li l-istess ferut kien taht l-influwenza ta' xorb alcoholiku u "….I think he was hiding some details" tal-incident.

Fl-atti a fol 6, jinsab anness ukoll, certifikat mediku rilaxxat meta gie ezaminat l-istess akkuzat, wara dan l-incident. Difatti gew riskontrati diversi feriti hfief konsistenti f'kontuzjonijiet u qasma zghira (ara x-xhieda ta' Dottor Valerio Catalano a fol 50A et seq ibid li fil-kaz tal-akkuzat ma setax jindika x'tip ta' strument intuza). Dwar dawn ic-certifikati medici, l-Qorti kienet innominat bhala espert mediku legali lil Dottor Mario Scerri sabiex jezamina lill-akkuzat u lill-parti civili in rigward il-feriti relattivi. Pero dan l-espert ma setax jespleta dan l-inkarigu peress li kif jidher a fol 18, fol 19 u fol 21 et seq ibid illi l-istess espert kien

imsiefer, li l-parti civili kien tkecca minn Malta u li l-akkuzat ghal certu perjodu ta’ zmien ma setax jinstab sakemm irrizulta li kien detenut, b’arrest preventiv, fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin (ara fol 33 u fol 34 ibid).

Ikkunsidrat
Illi l-Prosekuzzjoni pproduciet tlett Pulizija, PS 325 Patrick Bonnici, PC 671 Victor Ciappara u PC 366 Johan Borg (fol 40, fol 45 u fol 47 et seq ibid). Dawn spjegaw illi meta waslu fuq il-post wara l-incident, l-akkuzat kellu f’idu flixkun tal-birra miksur skond PC 671 Victor Ciappara u kemm l-akkuzat kemm il-parti civili kienu mcappsin bid-demm. Jigi rilevat li la l-flixkun la xi strument li jaqta u bil-ponta gie ezebit waqt il-provi.

Ikkunsidrat
Illi mill-provi kif esposti u fil-fehma tal-Qorti, jidher li:-

a) Kien hemm glieda bejn l-akkuzat u il-parti civili.

b) Pero ma jidhirx car x’kienet il-motivazzjoni reali ghal dan l-incident.

c) Lanqas ma jidher car min ipprovoka din il-glieda.

d) Izda jidher mill-provi prodotti illi waqt il-glieda u bhala konsegwenza taghha l-akkuzat ikkaguna b’mod intenzjonali, feriti deskritt bhala gravi fil-provi medici. Pero din il-Qorti ma hiex sodisfatta illi il-feriti fuq il-parti lesa huma filfatt ta’ din in-natura skond l-artikoli 216 u 218 tal-Kodici Kriminali. Difatti ma jidhirx illi dawn il-feriti setghu igibu periklu fil-hajja, ta’ debbulizza permanenti, ta’ difett permanenti jew marda permanenti fil-mohh, mankament jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew fl-idejn, li kienu feriti f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem, li gabet marda tal-mohh jew tal-gisem ghal aktar mnn tletin jum, lanqas ma jidher li l-istess feriti gabu jew ikkagunaw debolezza permanenti, sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew fl-idejn. Ghalhekk il-feriti ghandhom jigu konsiderati bhala hfief skond l-artikolu 221, b’mezz imsemmi fl-artikolu 217 u waqt glieda accidentali skond l-artikolu 237, kollha tal-istess Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fil-25 ta’ Ottubru 2008 ghal habta tal-10.00pm, gewwa City Gate Floriana, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Abdulrzaki Albuashi skond l-artikoli 221, 217 u 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, wara li kkonsidrat ic-cirkustanzi ta’ dan il-kaz kif hawn fuq espost, il-Qorti ser tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 442 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------